# M 42: Saif u Riġel

DANIEL MASSA

Għal daharna
bil-kwiekeb jinxtegħlu madwarna
nġbarna nonogħsu fis-setaħ fuq mitraħ tax-xkejjer
nisimgħu
l-istejjer tan-nassab iħuf fil-bur

għonqna rmazzat
għajnejna fissi fuq erba' ponot ta' labar
missieri jilmaħ u b'sebgħu jwissi
kull kostellazzjoni xenqa ħamra
tqarraq fit-triq tal-kalzrata
tistenna l-ħelsien

l-iskorpjun jindiehes mas-serp
jonsob f'għarqubu l-kaċċatur bil-ħatar
iħuf fil-foresta minfuda mir-raġġi tal-qamar
ifittxu b'urġenza
t-tarka tax-xebba tal-ġmiel

u l-beżqa ġ'għajnejh tax-xebba maħsuda
bi ngħas fost il-ġilju
tagħmih
migdum f'għarqubu l-gwerrier saż-żerniq
riġlejh qed jitqalu bis-semm
sajf sħiħ jistenna
tiela' skorpjun ma' riġel il-ħamra
kewkba
tħabbar il-weġgħa tax-xebba tal-ġmiel



# Blanzun

ACHILLE MIZZI

Qalb id-dvieren . . .
qalb il-griebeġ ta' Gaża
agħma
bħal Sansun
nitgħaxxex għad-dawl.

Qajla qajla jmutu
iċ-ċelluli tal-moħħ
u mmut jien:
l-individwu.

Madwari d-dellijiet iħufu
bl-inċertezza
tax-xemx bħal larinġa anemika
li bla ħajra titnikker
milli titla' bħal dejjem
mix-xefaq
tiżbroffa.

Kemm hu kiesaħ l-għamad tar-ruħ!
. . . it-turment li jagħfasna bid-dubji
bħal serpent jagħsarna
mill-polpa.

U x'kilba tkun din
li dal-baħħ mudlam ta' madwarna
niffullawh
bit-tgedwid u l-ħamba
t'ilħna jitniehdu
u ta' pupilli likwidi jitbissmu
bħal skerz ta' ġol-ilma!

Aktar ma ninżel stronkjat
f'labirinti għammieqa
fejn ma ddawwal
la xrara
la mnara
aktar nixxennaq għall-inkontru
tal-periklu agħmi
mal-misteru ta' l-imħabba u tad-dawl.

Imnalla . . .
il-ħila taħjini
li noħlom u ngħanni
fl-etern
il-ftuħ tal-blanzun.